MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 847/2001/1

**Mario Galea u martu Maria Stella Galea.**

**-vs-**

**Beppe Zammit.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fil-15 ta' Mejju, 2001 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi fl-4 ta' Lulju 2000, ghall-habta tad-9.15 a.m. f'Sta Venera By Pass, Sta Venera, il-konvenut, waqt li kien qed isuq il-vettura Fiat Uno numru tar-registrazzjoni HAH-362, habat mal-vettura Morris Marina numru tar-registrazzjoni AAQ-229

propjeta tal-atturi, liema vettura kienet wieqfa fil-genb tat-triq. (DOK A)

U illi l-istess incident gara unikament tort tal-konvenut Beppe Zammit.

U illi b'rizultat tal-istess incident, l-atturi sofrew danni konsistenti fi hsarat fil-karrozza taghhom li giet dikjarata 'total loss', kif ukoll danni fuq il-persuna tal-attur Mario Galea, spejjez inkorsi minhabba l-kura li kellu bzonn, u danni ohra konsegwenzjali, fosthom telf ta' qliegh, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. (Dokumenti B sa L)

U illi ghall-istess incident u danni konsegwenzjali, sofferti mill-atturi, huwa unikament responsabbli l-konvenut, li saq il-vettura tieghu bi traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

U illi l-konvenut gie debitament interpellat biex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha sofferti mill-atturi, permezz ta' ittra legali tat-8 t'Awissu 2000, u anke permezz ta' ittra ufficjali tat-3 ta' Mejju 2001 (Dok M u N).

U illi sa llum il-konvenut ghadu ma resaqx ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-atturi.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

(i) tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali li gara fl-4 ta' Lulju 2000 fid-9.15 a.m. f'Sta Venera By Pass, Sta Venera, f'liema incident l-attur sofra danni, inkluzi danni fuq il-persuna u danni ohra konsegwenzjali u kwindi tiddikjara lill-konvenut responsabbli wkoll ghall-istess danni;

(ii) tillikwida d-danni kollha sofferti mill-atturi b'rizultat tal-istess incident stradali;

(iii) tikkundanna lill-istess konvenut li jhallas lill-atturi s-somma li tigi hekk likwidata u dana bl-interessi mid-data tan-notifika tal-prezenti citazzjoni.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja tat-8 t'Awissu 2000 u l-ittra ufficjali tat-3 ta' Mejju 2001, kontra l-konvenut, minn issa ngunt biex jidher u ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fil-11 ta' Gunju, 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi l-eccipjenti jammetti r-responsabilita' biss in kwantu jirrigwarda d-danni kagunati fuq il-vettura tal-atturi;

2. Illi t-talbiet attrici in kwantu jirrigwarda d-danni sofferti mill-attur fuq il-persuna tieghu u danni konsegwenzjali reklamati minnu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-atturi u dan stante li dawn id-danni gew kagunati unikament tort tal-attur Mario Galea minhabba l-imperizja u traskuragni meta huwa ttenta jsewwi l-vettura tieghu fi triq daqshekk biezla bhal By Pass ta' Santa Venera, hekk kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali kompriz ir-rapport mediku tal-kirurgu Carmel Grixti u dak tal-esperti medici addizjonali.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Gunju, 2005 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta ta' llum.

Ikkunsidrat;

Illi l-kwistjoni li trid tigi deciza f'din il-kawza hija l-ammont ta' danni li ghandhom jigu akkordati lill-attur in segwitu ghall incident stradali imsemmi. Dan ghaliex il-konvenut qed jammetti t-tort tal-incident izda jidher li hemm nuqqas ta' qbil dwar il-*quantum* tad-danni pagabbli lill-attur. Effettivament il-konvenut fil-waqt li ammetta r-responsabilita' ghall-incident qed jaccetta li jhallas biss id-danni relatati mal-vettura ghaliex qed jghid li d-danni personali li sofra l-attur gew kagunati tort tieghu ghaliex waqaf biex isewwi l-vettura li kienet waqfitlu fi triq passagga u perikoluza.

L-attur fl-affidavit tieghu jghid li l-karozza tieghu waqfitlu f'St.Venera By Pass u waqaf biex jara x'kellha. Wara ftit minuti sema' hoss u l-karozza tieghu tkaxkret bid-daqqa. Dak il-hin huwa kien fuq quddiem bil-*bonnet* miftuh; mad-daqqa il-karozza tieghu tatu daqqa fuq irkopptejh u habat rasu u idu gol-makna.

Wiehed irid jghid li dan kien incident verament sfortunat. Irid jigi deciz jekk meta l-attur waqaf jara x'kellha l-karozza tieghu ikkontribwixxix b'xi mod ghal danni li sofra fil-persuna tieghu. Dan ghaliex il-Kodici Civili fl-Artikolu 1051 jistabilixxi li jista' jkun hemm kontriborjeta ghad-danni li wiehed isofri b'tort tieghu.

Il-Qorti ma thossx li l-konvenut ghandu jehles ghal kollox mir-responsabbilita' ghal dawn id-danni ghaliex kien hu li ma zammx *look out* u kien kawza tieghu li sehh l-incident. Pero' hu wkoll veru li kieku l-attur ma baqax fuq il-post huwa ma kienx iwegga. Fil-waqt li certament hija reazzjoni naturali li wiehed

jara x'ghandha l-karozza meta tieqaf hesrem, l-attur issogra meta baqa' fi-triq li kif sewwa argumenta l-konvenut fl-eccezzjonijiet tieghu hija triq traffikuza sew.

Ghalhekk ser takkollha lill-attur ghaxra fil-mija tort ghall-hsara li sofra f'persuntu.

Stabbilit dan il-Qorti trid tillikwida d-danni pagabbli lill-attur, kif ilu jsir ghal hafna snin a bazi tas-sentenza Butler vs Heard deciza mill-Qorti tal-Appell fl-1967. Ir-rapport mediku tal-espert inkarigat mill-Qorti jindika li l-attur sofra disabilita' permanenti ta' tmienja fil-mija fil-waqt il-periti medici addizjonali ndikaw disabilita' akbar u cioe' hmistax fil-mija. Il-Qorti fic-cirkostanzi, ser tadotta r-rata tal-ahhar.

Kwantu ghal *damnun emergens*, l-attur nefaq hames mitt Lira Maltin u tnejn (Lm502) fi spejjes medici (Dok. MG1) fil-waqt li l-vettura giet skrappjata u valutata tlett mija u hamsin Lira Maltin (Lm350) (fol 41). Dawn ma gewx kontestati. Il-Qorti pero' ma tarax li ghandha tikkompensah bit-telf ta' *over-time* u *allowances* li tilef minhabba l-incident ghaliex dan ikun inkluz fil-*lucrum cessans*; in effetti hu telf ta' qliegh u mhux danni gia' sofferti u jekk jigi kompensat taghhom ikun qed jithallas darbtejn. F'pagna 9 tan-nota ta' sottomissjonijiet l-attur jirreferi ghal spejjes ancillari u *basic wage* ghal tmintax-il gimgha izda dan ma hux sostnut bid-dokumenti. Il-Qorti pero' ser tibbaza l-*lucrum cessans* fuq il-paga li kellu meta sehh l-incident (ghax jirrizulta li minhabba l-incident kellu jaghmel xoghol inqas redditizju ma' l-istess kumpanija fejn kien gia' impjegat) ghaliex b'dan il-mod tkun qed takkordalu kumpens gust f'dan is-sens.

Fir-rigward tal-*lucrum cessans*, kif gia' inghad qed jigu

applikati l-principji li gew stabbiliti fil-kawza fuq imsemmija u li gew segwenti diversi drabi anke minn din il-Qorti kif preseduta (l-iktar ricenti M. Borg vs S. Zammit deciza fl-24 ta' Ottubru, 2005).

L-attur kellhu sitta u tletin sena meta gara l-incident u ghalhekk il-Qorti ser tapplika l-perjodu ta' hamsa u ghoxrin sena li wiehed ragonevolment jistenna li jahdem minn din

l-eta'; il-paga tieghu kif gia' inghad kienet disghat elef u mitejn Lira Maltin (Lm9,200) u ghalhekk il-Qorti ser tapplika dan l-ammont anke ghar-ragunijiet gia' indikati. Ghalhekk il-Qorti ser tahdem is-somma pagabbli fuq is-somma ta' disghat elef u mitejn Lira Maltin (Lm9,200) u fuq perjodu ta' hamsa u ghoxrin sena u hmistax fil-mija ta' dan jammonta ghal erbgha u tletin elf u hames mitt Lira Maltin (Lm34,500). Ghalkemm l-attur ser jiehu s-somma f'daqqa, il-Qorti m'hijex ser tnaqqas xejn ghal hlas f'daqqa ghaliex l-incident issa ilu iktar minn hames snin li gara. Irid jizdied ma' dan il-hames mitt Lira Maltin u tnejn (Lm502) spejjes medici u l-ammont jigi hamsa u tletin elf Lira Maltin u tnejn (Lm35,002). Billi l-Qorti qed takkollha ghaxra fil-mija tort lill-attur l-ammont nieqes din ir-rata jigi wiehed u tletin elf, hames mija u wiehed Liri Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm31,501.98). Ma' dan irid jizdied il-valur tal-vettura nieqes il-valur ta' l-i*scrap* (mitt Lira Maltin – Lm100) u ghalhekk jibqa' mitejn u hamsin Lira Maltin (Lm250) – dan l-ammont jizdied shih ghaliex il-hsara fil-vettura m'hijiex attribwibbli lill-attur b'ebda mod. Ghalhekk l-ammont finali jigi wiehed u tletin elf, seba' mija u wiehed u hamsin Lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm31,751.98).

**Ghaldaqstant il-Qorti fil-waqt li tichad l-eccezzjonijet tal-konvenut tilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara l-konvenut responsabbli ghall-incident ta' l-4 ta' Lulju, 2000 u in kwantu ghad-disghin fil-mija tad-danni personali li sofra l-attur u unikament in kwantu ghad-danni l-ohra; tillikwida d-danni sofferti mill-attur ghall-ammont ta' wiehed u tletin elf, seba' mija u wiehed u hamsin Lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm31,751.98) u tikkundanna lill-konvenut ihallas din is-somma lill-attur. L-ispejjes ghandhom kollha jigu mhallsa mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------